MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 700/2013

**Vodafone Malta Limited – C10865**

**vs**

**Matthew Cilia – ID347943-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut gie mitlub ihallas l-ammont ta’ elfejn, tmien mija u dsatax-il ewro (€2,819) rappreżentanti ammont dovut lis-socjeta` attrici ghas-servizzi u prodotti ipprovduti lis-socjeta` Future Computers Limited liema ammont jirrizulta minn total ta’ l-ammonti ndikati fir-rendikonti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. “VF 1” sa Dok. “VF 5”, u dan in segwitu ghall-assunzjoni da parti ta’ l-istess konvenut ta’ l-obbligi finanzjarji kollha ta’ tali socjeta` fil-konfront tas-socjeta` attrici, liema obbligu jirrizulta mill-iskrittura datata 18 ta’ Marzu tas-sena 2013; kopja ta’ liema hija annessa u mmarkata bhala Dok. “VF 6”.

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat diversi drabi b’ talba ghal pagament effettiv ta’ l-ammont hawn reklamat hu baqa’ inadempjenti bil-konsegwenza li kellha tigi adottata din il-procedura.

Bl-ispejjez inkluz dawk referibbli ghal mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' din it-talba u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv ta' l-istess ammont kontra l-konvenut illi huwa ingunt ghas-subizzjoni.

It-Tribunal ra li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat naqas milli jipprezenta risposta.

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru ta' l-2013 li permezz tieghu l-konvenut informa lit-Tribunal illi qed tigi esplorata l-possibbilta` ta' transazzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu gie dikjarat illi l-konvenut ser jammetti t-talba tas-socjeta` attrici.

Sema' id-depozizzjoni tal-konvenut li ammetta t-talba kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, tmien mija u dsatax-il ewro (€2,819) bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez jigu sopportati mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------